Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2097

22.10.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2097

tal-21 ta' Ottubru 2025

li japprova modifiki ta' termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid f'konformità mal-Artikolu 115(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Archivní víno', 'Burčák', 'Jakostní likérové víno', 'Jakostní šumivé víno stanovené oblasti (or Sekt s. o.)', 'Jakostní víno', 'Jakostní víno odrůdové', 'Jakostní víno s přívlastkem', 'Jakostní víno známkové', 'Klaret', 'Košer (or Košer víno)', 'Krášleno na kvasnicích', 'Labín', 'Mešní víno', 'Mladé víno', 'Panenská sklizeň', 'Panenské víno', 'Pěstitelský sekt', 'Pozdní sběr', 'Premium', 'Rezerva', 'Růžák', 'Ryšák', 'Školeno na kvasnicích', 'Víno originální certifikace (VOC jew V.O.C.)', 'Víno s přívlastkem', 'Zemské víno', 'Zrálo na kvasnicích")

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 115(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 28(2) u (3) u mal-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([2]), il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' modifiki ta' 27 terminu tradizzjonali li tressqu mir-Repubblika Ċeka u ġew ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]).

(2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 22 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/34 ([4]).

(3) Għalhekk, jenħtieġ li l-modifiki tas-27 terminu tradizzjonali jiġu approvati u jiddaħħlu fir-reġistru elettroniku tat-termini tradizzjonali protetti msemmi fl-Artikolu 25 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/34.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformita mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 tas-17 ta' Ottubru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni u t-tikkettar ta' denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni, il-proċedura ta' oġġezzjoni, il-modifika u l-kanċellazzjoni ta' termini tradizzjonali u t-tikkettar u l-preżentazzjoni fis-settur tal-inbid (ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/33/oj).

([3]) ĠU C, C/2025/77, 20.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/352/oj.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/34 tas-17 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-verifiki relatati mad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni, il-proċedura ta' oġġezzjoni, ir-reġistrazzjoni, il-modifika u l-kanċellazzjoni ta' termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid (ĠU L 9, 11.1.2019, p. 46, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/34/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-modifiki tat-termini tradizzjonali “Archivní víno’, ‘Burčák’, ‘Jakostní likérové víno’, ‘Jakostní šumivé víno stanovené oblasti (or Sekt s. o.)’, ‘Jakostní víno’, ‘Jakostní víno odrůdové’, ‘Jakostní víno s přívlastkem’, ‘Jakostní víno známkové’, ‘Klaret’, ‘Košer (or Košer víno)’, ‘Krášleno na kvasnicích’, ‘Labín’, ‘Mešní víno’, ‘Mladé víno’, ‘Panenská sklizeň’, ‘Panenské víno’, ‘Pěstitelský sekt’, ‘Pozdní sběr’, ‘Premium’, ‘Rezerva’, ‘Růžák’, ‘Ryšák’, ‘Školeno na kvasnicích’, ‘Víno originální certifikace (VOC jew V.O.C.)’, ‘Víno s přívlastkem’, ‘Zemské víno’, ‘Zrálo na kvasnicích” huma b’dan approvati.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta’ Ottubru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN